TRIBUNAL GĦAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/252/11/S

Vincent Zammit

Vs

J.J. Scerri Co.Ltd.

Illum 16 ta' Frar, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Vincent Zammit datata 27 ta' Mejju, 2011 u r-risposta tas-soċjetá intimata J.J. Scerri Co. Ltd. datata 13 t'Awwissu, 2011;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom u t-trattazzjoni tagħhom magħmula fid-19 ta' Jannar, 2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'fridge' li kienet għadha taħt il-garanzija u li allegatament ma kinitx qed tkessaħ u għalkemm ġiet imsewwija, din ma kinitx a sodisfazzjon tar-rikorrent;

Illi jingħad mal-ewwel li l-ilment prinċipali tar-rikorrent hu l-'panel' li twaħħal biex issolviet il-problema kif ukoll li skont l-istess rikorrent, dan ma kienx iġeniku;

Illi l-ħsara seħħet wara sena li kienet inxtrat il-'fridge';

Illi l-allegazzjoni li t-tiswija kif saret ma kinitx waħda iġenika, ma ġietx pruvata bl-ebda mod mir-rikorrent u għalhekk qed tiġi skartata;

Illi jingħad ukoll li mir-ritratti ppreżentati, jidher li x-xogħol magħmul mis-soċjetá intimata hu wieħed pulit;

Illi min-naħa tiegħu ir-rikorrent lanqas biss iċċekkja jekk il-'fridge' tkessaħx jew le wara li twaħħlet il-'panel' għax l-istess rikorrent qed joġġezzjona li titwaħħal din il-'panel';

Illi skont is-soċjetá intimata, ma hemmx mod ieħor ta' kif tista' tirranġa l-'fridge' minħabba li l-'condenser' qiegħed fuq ġewwa;

Illi gjaladarba mhemmx mod ieħor kif tista' titranġa l-ħsara, is-soċjetá intimata għamlet dak kollu possibbli biex fiċ-ċirkostanzi, ssolvi l-problema;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba tar-rikorrent Vincent Zammit u Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetá J.J. Scerri Co.Ltd. b'dan li l-'fridge' għandha titwassal għand ir-rikorrenti mingħajr ħlas u li mill-jum tal-kunsinna jkun hemm estensjoni ta' sena tal-garanzija fuq l-istess 'fridge' inkluż fuq il-'condenser', b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru